**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' Novembru, 2024**

**Kawza Numru: 3**
**Rikors guramentat numru: 851/2012 JVC**

John Ellul u Joseph Grixti

Vs

George Zahra

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti talbu kif isegwi:

**A. 'DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. Illi l-atturi huma tnejn (2) mid-disa' (9) eredi universali tad-defunt Giuseppi Grixti illi miet nhar it-13 ta' Novembru 2011, u dan skond l-ahhar testment revokatorju ta' l-imsemmi Guseppi Grixti, datat 20 ta' Lulju 2010 fl-Atti tan-Nutar Dottor Daniel Caruana. Kopji ta' l-Att tal-Mewt ta' Guseppi Grixti u ta' l-ahhar testment tieghu qieghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala **Dok. RG1 u Dok. RG2** rispettivament;

2. Illi f'xi zmien lejn l-ahhar ta' hajjet id-defunt Guseppi Grixti, il-konvenut beda jokkupa l-porzjon art immarkata bl-ittra "C" formanti parti mill-ghalqa maghruf bhala "Tal-Harrub" illi tinsab gewwa Benghajsa, limiti ta' Birzebbugia, liema art tifforma parti mill-assi ereditarji tad-defunt Guseppi Grixti. Wara l-mewt ta' l-istess Guseppi Grixti, il-konvenut ippretenda illi jarroga ghalih innifsu d-dritt esklussiv fuq l-uzu tal-proprjeta' in kwistjoni. Il-pjanta relattiva ghal din il-proprjeta' qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok.RG3;**

3. Illi bhala tnejn (2) mill-eredi universali tad-defunt Guseppi Grixti, l-atturi, kif awtorizzati illi jaghmlu ai termini ta' l-**Artikolu 489** *et seq* tal-**Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** ikkontestaw l-okkupazzjoni ta' l-imsemmija art mill-konvenut, stante illi l-istess okkupazzjoni m'hi gustifikata jew awtorizza bl-ebda titolu validu fil-Ligi.

4. Illi f'dak l-istadju – u qatt qabel – il-konvenut allega titolu fuq l-art in kwistjoni u pprovda lill-atturi b'kopja ta' ricevuta singola u unika fejn, allegament, nhar is-7 ta' Awwissu 2011, id-defunt Guseppi Grixti kien ikkonceda l-art de quo favur il-konvenut taht titolu ta' qbiela, liema qbiela kellha taghlaq nhar il-15 ta' Awwissu 2012. Kopja ta' l-imsemmija ricevuta qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhal **Dok. RG4. I**l-konvenut qatt ma allega illi kien fil-pussess ta' ricevuti ohra simili antecedenti;

5. Illi l-atturi m'huma qieghdin bl-ebda mod jaccettaw il-genwinita' tar-ricevuta pprovduta lilhom mill-konvenut **[Dok. RG4] –** anzi jemmnu illi dan id-dokument huwa fabbrikat illegalment. Izda anke jekk , dato ma non concesso, tirrizulta illi tali ricevuta nharget genwinament, xorta wahda l-koncessjoni ta' qbiela allegata mill-konvenut skadiet nhar il-15 ta' Awwissu 2012 ai termini ta' l-**Artikoli 1532 et seq tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

6. Illi nhar is-27 ta' April 2012, l-atturi interpellaw lill-konvenut permezz ta' ittra legali, sabiex b'effett mill-15 ta' Awissu 2012, jivvaka l-art in kwistjoni in vista tan-nuqqas ta'titolu tieghu fuq l-istess art ai termini tal-Ligi. Kopja ta' dina l-ittra legali qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. RG5;**

7. Illi l-konvenut naqas milli jivvaka l-art de quo, u sahansitra, nhar is-17 ta' Lulju 2012, iddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-ammont ta' tletin Euro (€30.00) allegatament rapprezentanti l-qbiela ghall-perijodu bejn is-

16 ta' Awwissu 2012 u l-15 ta' Awwissu 2013. Kopja tac-Cedola ta' Depozitu relattiva qieghda tigig hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok.RG6;**

*8.* Illi dan il-hlas mhux qieghed jigi accettat mill-atturi, illi ghar-ragunijiet fuq premessi jinsistu illi l-konvenut qatt ma kellu ebda titolu fuq l-art in kwistjoni u anke jekk, dato ma non concesso, l-allegata ricevuta minnu pprezentata **[Dok. RG 4]** hija genwina, il-koncessjoni relattiva llum skadiet u kwindi l-konvenut qieghed prezentament jokkupa l-art *de quo* minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

*9.* Illi konsegwentement il-konvenut ghandu jizgombra mill-art *de quo* u jirrilaxxa l-pussess liberu u vakanti favur il-werrieta tad-defunt Guseppi Grixti bhala l-proprjetarji ta' l-istess art;

*10.* Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-atturi.

***11.*** Illi sa fejn jafu l-atturi, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ta' l-atturi ghall-izgumbrament tieghu mill-art de quo u kwindi ghal dawn il-proceduri huma applikabbli id-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq tal-**Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## *B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI*

L-atturi qieghdin jaghmlu din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti, filwaqt illi tiddispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini ta ' l-**Artikoli 167 *et seq*** tal-**Kap. 12** tal-**Ligijiet ta 'Malta**, joghgobha tiddikjara illi l-konvenut m'ghandu ebda titolu validu fil-Ligi sabiex jokkupa l-porzjon immarkata bl-ittra "C" formanti parti mill-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Harrub" illi tinsab gewwa Benghajsa, limiti ta 'Birzebbugia u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju illi ghandu jigi ffissat ghal dan l-iskop minn dina l-Onorabbli Qorti, jitlaq u jizgombra mill-istess art.

**C. TALBIET ATTRICI**

Ghaldaqstant l-atturi, in vista ta 'dak kollu fuq premess, jitolbu lill-konvenut ighid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex;-

1. Titratta dwar it-talbiet attrici billi tiddispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-**Artikoli 167 *et seq*** tal-**Kap.12** tal-**Ligijiet ta' Malta;**

2. Tiddikjara illi l-konvenut m'ghandu ebda titolu validu fil-Ligi sabiex jokkupa l-porzon immarkata bl-ittra "C" formanti parti mill-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Harrub" illi tinsab gewwa Benghajsa, limiti ta' Birzebbugia; u

3. Konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan, jitlaq u jizgombra mill-istess art imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni u b'riseva ghall-azzjoni ghall-hlas ta 'kumpens ghall-okkupazzjoni ta 'l-art *de quo* sad-data tar-rilaxx effettiv ta 'l-istess , kif ukoll ghall-hlas tad-danni riskontrandi, *si et quatenus.* '

Rat ir-risposta guramentata ta 'George Zahra li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti stante li l-kompetenza hija tal-Bord Dwar it-Tigdid tal-Kiri tar-Raba.

2. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu l-esponent ghandu titolu validu ta' qbiela fuq ir-raba'in kwistjoni u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza. Fil-fatt hu ilu jahdem din ir-raba' minn meta l-art giet f'idejn Giuseppi Grixti u fl-2009 din ir-raba' giet imqabbla lill-esponent u dan kif jirrizulta mill-annessi ircevuti tal-qbiela (Dok A,B u C).

3. Salvi eccezzjoni ulterjuri.'

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri ta 'George Zahra li taqra kif isegwi:

> 'It-talbiet fil-konfront ta' l-esponent huma nfondati wkoll peress illi huma ghandhom titolu ta' komproprrjeta' fuq l-istess raba'.'

Rat il- verbal u d-digriet tal-Qorti datat 26 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu nnominat lill-Espert Martin Bajada bhala Perit Kalligrafiku sabiex jirrelata dwar il-veracita tal-firem fuq id-dokumenti esebiti minn fol 23 sa 25 tal-process.[1]

Rat il-verbal datat 1 ta' Novembru 2017 fejn l-Qorti innominat lill-Esperti Dr Vincent Galea, Dr Juliana Ferrante u Dr Anthony Abela Medici bhala Periti Kalligarfiċi addizzjonali.[2]

Rat il-verbal datat 17 ta' Jannar 2018 fejn l-Qorti innominat lill-Espert Joseph Mallia bhala Perit Kalligarfiku addizzjonali sabiex jirrealta in aggunta mal-esperti ga mahtura wara li Dr Anthony Abela Medici rrifjuta l-inkarigu.[3]

Rat illi fil-verbal datat 12 ta 'Dicembru, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta 'sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Rat x-xhieda u l-affidavit tal-intimat **George Zahra**[4] fejn stqarr illi l-ghalqa maghrufa bhala tal-Harrub li tinsab gewwa Benghajsa kienet propjeta' ta' Emanuel Grixti cioe' zijuh li kien guvni u li miet fit-8 ta' Novembru 2003. Jispjega li l-ghalqa in kwistjoni originarjament kien fiha tlett (3) itmiem li kienu nqasmu bejn seba'

---

[1] a fol. 115 u 116 tal-process
[2] a fol. 351 tal-process
[3] a fol. 353 tal-process
[4] a fol 29 u 518 tal-process

ahwa u cioe′ hutu, fosthom il-guvni Giuseppi Grixti skont il-pjanta minnu esebita a fol. 33 tal-process. Jispjega li l-porzjon ‘A′ kienet ghaddiet ghand Crocifissa Ellul, il-‘B′ ghand Catherine Muscat u llum tinhadem minn John Ellul li huwa ukoll is-sid ta′ porzjon ‘A′, il-porzjonijiet-‘C′, ‘I′ u ‘J′ ghaddew ghand Giuseppi Grixti u llum huma mqabbla lil Zahra stess, id-‘D′ u ‘H′ ghand Giuseppa Grixti, xebba u huma mqabbla lil Zahra stess, filwaqt li l-‘E′ messet lil Filippa Mangion, l-‘F′ lil Joe Grixti u l-‘G′ lil ommu Carmela Zahra. Ghalhekk huwa jahdem il-porzjonijiet ‘C′,′D′,′G′,′H′,′I′, u ‘J′.

Izid li l-parti mertu tal-kawza hija l-porzjon ‘C′ liema porzjon huwa jahdem u ghandu interess jibqa′ jahdem. Jirreferi ghall-ircevuti tal-qbiela minghand Giuseppi Grixti li jkopru l-perjodu ta′ bejn l-2009 u l-2012. Izid li apparti x-xoghol fir-raba′ huwa kien sikwit[5] jitla′ ir-razzett ta′ zijuh Giuseppi li jmiss mal-porzjon tar-raba′ ‘J′, u kien iwasslu lura d-dar. Jghid li ta′ kull filghodu kien iwassal lill-zijuh ghall-quddies u kienet tiehdu lura kugintu Catherine Mangion, filwaqt li zijuh kien jibghatu ukoll ihallas il-qbiela tar-razzett u l-ghalqa immarkata ‘J′. Jinnota li huwa naddaf l-ghalqa mill-gebel, tella′ l-hitan lli kienu mwaqqghin u anke kien jitfa′ d-demel, u li dan kienu jafuh ukoll l-atturi li kienu jarawh jahdem l-ghalqa in kwistjoni. Izid li l-iktar li kien ikellem kienu John Ellul u Joe Grixti u josserva li dawn kienu jafu li kellu l-ktieb tar-raba′ u qatt ma lmentaw. Giuseppi Grixti miet fit-13 ta′ Novembru 2011 u fit-testment tieghu[6] hallielu €7,000. Jghid li wara l-mewt ta′ Giuseppi Grixti, fid-9 ta′ April 2012 il-Perit Charles Buhagiar kien ghamel stima[7] tal-ghalqa minhabba l-*causa mortis* fejn ha in konsiderazzjoni li l-ghalqa kellha qbiela. Meta fil-21

[5] issir referenza ghall-korrezzjoni awtorizzata peremezz tad-digriet tas-6 ta′ Frar 2013
[6] a fol. 7 tal-process
[7] a fol. 39 tal-process

t'April 2012, John Ellul qallu biex ma jidholx iktar fil-prozjon 'C' huwa mar jaghmel rapport l-Ghassa ta' Birzebbugia.[8] Izid li fil-frattemp Ellul kitbulu biex wara l-15 t'Awwissu 2012 huwa johrog mill-ghalqa, ghal liema ittra huwa rrisponda *tramite* l-avukat tieghu li kellu titolu ta' qbiela, u ddeposita l-qbiela b'cedola.[9] Jesebixxi wkoll ir-registrazzjoni f'ismu mal-Ghammieri.[10] Jispjega wkoll li meta n-nutar prepara l-*causa mortis* huwa indika li din l-ghalqa in kwistjoni kienet imqabbla' lilu izda li hemm proceduri fil-Qorti. Jghid li din il-*causa mortis* baqghet mhux iffirmata minn John Ellul u Vicky Parnis li ghandhom sehem minn erbgha u ghoxrin (1/24), Karmena Fava u Mary Cachia li ghandhom sehem ta' wiehed minn tmientax (1/18) kull wiehed, u Joseph Grixti li ghandu sehem minn sitta (1/6). Madanakollu jispjega li l-firmatarji Filippa Mangion, Giuseppa Grixti, Karmena Zahra li lkoll ghandhom sehem minn sitta (1/6) kull wiehed, u Tessie Gafa li ghandha sehem wiehed minn erbgha u ghoxrin (1/24) m'ghandhom ebda' diffikulta' li l-ghalqa tkun mqabbla lilu.

In kontro-ezami[11] jikkonferma li l-qasma li jirreferi ghaliha saret permezz tal-kuntratt tad-9 ta' Frar tas-sena 2005 fl-Atti tan-Nutar Bisazza. Jispjega li l-ghelieqi divizi kienu mmarkati biss b'marki li saru qabel il-kuntratt ta' divizjoni. Jispjega li Anthony Mangion u Joseph Grixti kienu ghenuh jahdem il-porzjon iktar tard assenjat lil Giuseppe Grixti fis-sena 2003 biss u cioe' dik is-sena li miet Emmanuel Grixti. Jelabora li fl-2009 jew 2010 kien mar ghand Joe Grixti ghaz-zerriegha tal-qamh ghax kien cempillu jsaqsih jekk hux se jizra' r-raba' u li dan tal-ahhar kien saqsih jekk l-ghalqa kinitx inqalbet fuq l-intimat u li qallu li qed jiehu pjacir ghalih izda li seta' infurmhom fejn l-intimat jghid li rrisponda li dik kienet

[8] a fol. 40 tal-process
[9] a fol. 15 tal-process
[10] a fol. 43 tal-process
[11] a fol. 97 tal-process

hwejjeg zijuh u li se mai kellu jghidu hu. Izid li kien qallu ukoll li huwa kellu ktieb tal-qbiela. Jinnota wkoll li mal-attur Joe Ellul huwa kien tkellem meta f'sena minnhom kien inharaq il-qasab u beda jnaddaf u jigbor il-gebel fejn accennalu li l-ghalqa issa kienet bi qbiela ghand l-intimat. Jghid li kien hu li fl-2012 qabbad lill-Perit Charles Buhagiar biex jaghmel stima tal-ghalqa minhabba l-causa mortis, u li kien infurmah li din l-ghalqa kienet imqabbla lilu u li kien ihallas tletin ewro (€30) fis-sena bhala qbiela. Jispjega ulterjorment li l-attur Ellul kien talbu jurih il-ktieb tal-qbiela u li l-intimat kien qallu li se jurihulu meta jmorru ghand in-Nutar kemm lilu kif ukoll lill-attur Grixti u jzid li ma kien hemm l-ebda argument bejniethom f'dan l-istadju. Kien biss wara li Ellul kien qallu biex ma jidholx iktar fl-ghalqa, u li l-ghada stess kien mar jaghmel rapport l-Ghassa fejn kien wera l-ahhar ircevuta u siteplan lill-Pulizija. Jispjega li iktar tard is-Surgent kien ikkomunika lura mieghu fejn tgharrafu li Ellul kien qallu li huwa jaccetta li jahdem l-ghalqa sal-15 t'Awwissu 2012 u kien f'dan il-punt li mar jiehu parir legali. Jinnota li fil-frattemp kien ircieva kommunikazzjoni da parti tal-Avukat tal-atturi fejn ikkomunikalu l-istess haga. Mistoqsi meta kien mar l-Ghemmieri jirregistra r-raba' f'ismu jghid li dan ghamlu fit-18 t'April 2011 meta kien ghadu haj zijuh Giuseppe Grixti.

Rat l-affidavit ta' **Anthony Zahra**[12] hu tal-intimat li jispjega li zijuh Giuseppi Grixti kellu razzett f'Benghajsa bir-raba' mieghu u madwaru kellu raba' iehor. Jghid li lil zijuh kien imur jarah spiss u li darba minnhom kien qallu li kien qabbel l-ghalqa li kienet gejja mill-wirt ta' Emmanuel Grixti lil huh George, u li kien spjegalu li xtaq jara din l-ghalqa f'idejn George peress li kien jahdimlu l-ghelieqi u kien jitla' jdur bih spiss. Jghid li dan kien

[12] a fol. 47 tal-process

ikkonfermahulu huh George ukoll. In kontroezami[13] jikkonferma li huwa jaf precizament liema hija l-ghalqa mertu tal-kaz u li huh George kien ilu jahdem din l-ghalqa ghal madwar sebgha snin, u li ma jiftakar lil ħadd iktar jgħin lill-Giuseppe Grixti ghajr ghal huh l-intimat. Mistqosi meta zijuh kien qallu li kien qabbel l-ghalqa jghid li dan kien f'Awwissu tal-2008.

Rat l-affidavit ta' **Anthony Gafa**[14] sekond kugin tal-intimat li jispjega li xi tlett snin ilu kien qallu li Giuseppi Grixti qabbillu l-ghalqa li kienet gejja mill-wirt ta' Emmanuel Grixti. Jghid li hu ghandu raba' fil-vicin u jaf li l-intimat kien jitla' jahdem ir-raba' taz-zijiet tieghu. In kontroezami[15] jghid li apparti l-ghalqa in kwistjoni, Giuseppe Grixti kellu ghelieqi ohra fil-vicinanzi. Jixhed li huwa kien jara lill-intimat mit-triq huwa u sejjer lejn l-ghelieqi tieghu u li minn din l-ghalqa ricentement huwa kien garr xi tiben.

Rat l-affidavit ta' **Nazzareno Zahra**[16] hu l-intimat li jispjega li madwar sentejn u nofs ilu kien mar jara lill-Giuseppi Grixti li kien jghix fir-razzett gewwa Benghajsa, fejn kien staqsih hux interessat iqabbillu r-raba' li kien wiret minn huh Emmanuel Grixti. Jixhed li zijuh Giuseppi kien qallu li kemm hu u kemm ohtu Giuseppa qabblu r-raba' taghhom lill-intimat huh. Izid li Giuseppe Grixti kien qallu li minn meta miet Emmanuel Grixti l-intimat kien hadem din ir-raba' u li kien xieraq li jghaddilu din ir-raba' bi qbiela. Jghid li dan ikkonfermah ukoll mal-intimat huh li kien urieh il-kotba tal-qbiela. In kontro-ezami[17] jghid li lil Giuseppi Grixti kien kellmu fuq il-qbiela tal-ghalqa f'Benghajsa fl-2010 u kien infurmah li qed jahdimha huh. Izid li huh kien urieh ktieb

[13] a fol. 59 tal-process
[14] a fol. 47 tal-process
[15] a fol. 57 tal-process
[16] a fol 50 tal-process
[17] a fol 69 tal-process

cilesti izda hu ma fethux u lanqas talbu jara l-kontenut tieghu. Jispjega li kien jitla' Benghajsa hdejn zijuh bejn darba u darbtejn fix-xahar. Mistoqsi jekk l-ghalqa kinitx tinhadem jirrispondi fl-affermattiv, li kien jara kollox mahrut u mizrugh u jzid li r-raba' kollu kien jinhadem. Misoqsi qattx ra il- huh jahdem l-ghalqa jirrispondi fin-negattiv ghaliex generalment kien imur fil-gurnata tal-Hadd.

Rat l-affidavit ta' **Carmelo sive Chartlon Caruana**[18] li jispjega li ilu jaf lill-intimat zmien twil peress li l-familja tieghu kienet tixtri t-tiben minghandu ghall-baqar. Jghid li l-intimat gieli qabdu jgorrlu d-demel ghal go ghalqa in kwistjoni u jahratielu. Izid li kien innota li l-hajt tat-triq kien qieghed jigi rrangat. Jinnota ukoll li l-intimat kien qallu li z-zijiet kienu ghamlulu l-kotba tal-qbiela. In kontro-ezami[19] meta mistoqsi kemm-il darba mar f'din l-ghalqa jghid li madwar erbgha jew hames darbiet u li l-ahhar darba li haratha kien madwar tlieta jew erbgha snin qabel id-depozizzjoni tieghu. Jikkonferma li kien ra b'ghajnejh lill-intimat itella' l-hajt ta' mat-triq.

Rat ix-xhieda tal-attur **John Ellul**[20] li spjega li wiret bicca mill-ghalqa maghrufa bhala Tal-Harrub minghand zijuh Giuseppi Grixti, li antecedentement kienet ta' zijuh Emanuel u qabel ta' nannuh Tonio Grixti. Jispjega li nannuh kellu tmint ulied u li ommu Crocifissa Ellul hija bint Tonio Grixti u oht Nazzareno Grixti, missier l-attur Joseph Grixti. Jispjega li wara l-mewt ta' Tonio Grixti l-ghalqa inqasmet fl-2005 f'sebgħa porzjonijiet. Jinnota li Emanuel Grixti kien miet u s-sehem tieghu ghaddha ghand hutu ghaliex kien guvni u miet bla testment. Jghid li meta nqasmet f'sebgha bicciet ma sarux hitan, izda li kienet saret qasma

[18] a fol 50 tal-process
[19] a fol 74 tal-process
[20] a fol 81 u 517 tal-process

minn Perit li indika l-qasma b'musmar u zebgha. Jispjega li l-ghalqa mertu tal-kawza kienet tinzera' biss bil-qamh ghall-habta ta' Novembru u l-prodott jingabar f'Mejju jew Gunju. Jghid li l-ghalqa kienet tinhadem minn zijuh Giuseppi Grixti izda kien l-attur Joseph Grixti li kien jiehu hsieb jizra l-qamh u li gieli kien jghinu Anthony Mangion. Jispjega li wara l-mewt ta' Giuseppi Grixti, l-attur Joseph Grixti kien informa lill-kugini li huma l-werrieta. Jghid li l-intimat George Zahra kien qallu li huwa ghandu l-qbiela tal-ghalqa izda li qatt ma wrieh il-ktieb tal-kera u li l-ewwel fotokopja mill-ktieb kien irceviha wara li sar rapport l-Ghassa tal-Pulizija mill-Pulizija stess. Izid li l-intimat George Zahra kien qed jokkupa ukoll ir-razzett. Ellul jispjega li f' Novembru tal-2009 kien talab lil zijuh jahrat l-ghalqa in kwistjoni, billi kien qed jonsob ghall-pluvieri fl-ghelieqi li missew lilu. Muri d-dokumenti f'fol. 23-25 tal-process jghid li huwa ma jafx jaqra, izda jghid li l-firma ma hix ta' zijuh. In kontroezami[21] jghid li wara l-mewt ta' zijuh cioe' wara Marzu 2012 l-ghalqa kienet inzerghet. Jixhed li huwa qatt ma ra demel impoggi fl-ghalqa porzjon C. Izid ukoll li r-ritratti a fol. 37 tal-process ma jurux l-ghalqa porzjon C. Jikkonferma li qabel miet zijuh Giuseppi Grixti, huwa (Ellul) stess kien jahdem l-ghalqa wara li talab permess lill-zijuh u wara zergha l-qamh fiha.

Rat ix-xhieda tal-attur **Joseph Grixti**[22] li kkonferma li wara li saret il-qasma kienu saru xi marki sabiex kulhadd ikun jaf fejn hi l-ghalqa li messet lilu. Jghid li hu kien jizra' l-qamh anke l-ghalqa ta' Giuseppi Grixti (porzjon C) peress li fl-istess hin kien jizra' ukoll fil-porzjon li messet lilu. Jispjega li dan kien jaghmlu hu u baqa' jaghmlu sal-2008 izda gieli kien jghinu Anthony Mangion u anke l-intimat George Zahra. Jghid li meta kien jinhasad il-qamh dan

[21] a fol 220 tal-process
[22] a fol 109 tal-process

kien gieli ttiehed fir-razzett ta' Giuseppe Grixti. Jghid li fl-2009 kien biegh ukoll il-qamh ta' zijuh mal-qamh tieghu. Minn dak iz-zmien huwa ma hadimiex iktar l-ghalqa ta' zijuh. Jispjega li kien biss fl-2012 wara l-mewt ta' Giuseppi Grixti li l-intimat qallu li l-ghalqa mqabbla lilu. In kontroezami[23] jghid li qabel l-2008 huwa kien jahdem il-porzjon C u D flimkien. Jispjega li wara l-mewt ta' zijuwhom Giuseppi Grixti bdew isaqsu biex jaraw min qed jahdem l-ghalqa u kien l-intimat stess li qallhom li l-ghalqa hija mqabbla lilu. Jinnota li kien sar rapport l-ghassa kontra l-intimat, fejn kellhom jaraw kopja tal-ircevuta tal-hlas tal-kirja.

Rat ix-xhieda ta' **Carmen Fava**[24] li spjegat li flimkien ma' ohtha wirtet is-sehem t'ommha mill-wirt ta' huha Giuseppe Grixti. Tispjega li lejn l-ahhar ta' hajtu hija kienet spiss izziru filwaqt li zewgha kien jitla' jara lill-zijuha kwazi darbtejn kuljum. Tghid li Giuseppi Grixti kien halla lil zewgha sebat'elef ewro (€7,000). Tispjega ukoll li anke George Zahra kien messu l-istess ammont peress li kien ukoll jitla' ghalih wara li marad zewgha. Tghid ukoll li l-intimat George Zahra kien jitlob lil Giuseppi Zahra l-ghalqa izda zijuwha ried ihalliha lil haddiehor. Izzid li kien biss wara l-mewt ta' Giuseppi Grixti illi saret taf li l-intimat beda jghid li zijuh kien krielu l-ghalqa, izda zijuwha qatt ma kien tarfilha dan. Tinnota li l-ghalqa ma kinitx tinhadem. In kontro-ezami zzid li ilha mill-2010 ma titla' lejn l-ghalqa in kwistjoni. Tghid ukoll li kienet talbet lil zijuwha bicca ghalqa talli zewgha kien idur bih izda zijuwha dejjem irrifjuta ghaliex kien jistma' lil kulhadd l-istess.

Rat ix-xhieda tan-Nutar Dott **Daniel Caruana**[25] u l-atti minnu esebiti, li jispjega li kien gie kkuntattjat minn diversi membri tal-

[23] a fol 236 tal-process
[24] a fol 118 tal-process
[25] a fol 134 u 166 tal-process

familja biex issir il-causa mortis. Jispjega li din kienet saret fi tlieta. Jikkonferma wkoll meta mar jaghmel t-testment, Giuseppe Grixti kien akkumpanjat minn xi hadd izda ma jafx min kien. Jghid li kien hemm dizgwit dwar l-ghalqa tal-Harrub u l-qbiela lill-intimat. Jispjega li fit-tieni causa mortis gie specifikat li l-ghalqa hija mqabbla lill-intimat u hemm kawza l-Qorti fuq din il-vertanza. Fit-tielet causa mortis imbaghad zied ukoll id-dettalji tal-kawza u specifika li l-ghalqa hija okkupata mill-intimat u mhux imqabbla lilu u li din l-okkupazzjoni qed tigi kkontestata fil-Qorti. Minkejja li jghid li jaf lill-intimat peress li ommu kienet wahda mill-werrieta, huwa jghid li ma hux cert jekk kienx prezenti meta saru  l-causa mortis.

Rat ix-xhieda ta' **Victoria Agius**[26] li tispjega li hi ma kinitx iffirmat l-ewwel causa mortis ghaliex hi kienet taf li Giuseppi Grixti ma kienx jikri l-ghalqa in kwistjoni lill-intimat u dan peress li madwar sena u nofs qabel gie nieqes zijuha stess kien qallha li minkejja li talbuh jikriha huma ma jikriha lil hadd ghaliex ma ried jiggieled ma hadd.

Rat ix-xhieda ta' **Mary Cachia**[27] li wkoll tikkonferma li spiss kienet izzir lil zijuha Giuseppe Grixti. Tghid li huwa qatt ma ried jikri l-ghalqa minkejja li kienu jitolbuhielu hafna neputijiet.

Rat ix-xhieda ta**' PS583 Evan Grech**[28] li spjega li wara li rcieva l-kwerela minn John Ellul, huwa kien baghat ghall-intimat.

---

[26] a fol 172 tal-process
[27] a fol 177 tal-process
[28] a fol 177 tal-process

Rat ix-xhieda ta' **Audrey Ghigo**[29] u d-dokumenti minnha prezentati.

Rat illi l-kuntratt tad-9 ta' Frar tas-sena 2005 fl-Atti tan-Nutar Bisazza[30] jassenja l-porzjon ta' art "*bil-kejl ta' cirka tlett elef erba' mija u sbatax il-metru kwadru (3417 m.k.) imsejha 'Tal-Harrub' liema ghalqa hija accessibbli minn Sqaq bla isem kif osggetta ghal piz piju ta' quddies, altrimenti libera u franka, konfinanti mil-lvant ma' l-imsemmi sqaq bla isem, mill-puent ma' Sqaq Kampestru, ukoll bla isem, u min-nofsinhar ma' beni ta' Guzeppa Grixti, u liema ghalqa tidher diviza f'seba' porzjonijiet fuq pjanta hawn annessa mmarkata Dokument 'C' u kulurita bl-ahmar fuq site plan mmarkata bl-ittra 'B'*" provenjenti mill-eredita' ta' Emanuele Grixti lil hutu komparenti fuq l-istess att u cioe' Giuseppi, Carmela, Giuseppa, Philippa, Crocifissa kif ukoll Carmela Fava u Anthony Cachia ulied Catherine Grixti bhala prokuraturi tal-istess, kif ukoll Joseph Grixti iben il-mejjet Naxxareno Grixti. Il-kuntratt ta' divizjoni jispecifika li l-porzjon C messet lil Giuseppe (Joseph Grixti). Il-Qorti tinnota li minkejja li l-kuntratt li gie prezentat mill-atturi jaghmel referenza ghal pjanta u *site plan* dawn ma gewx prezentati mal-kopja tal-kuntratt esebit.

Rat id-dikjarazzjoni causa mortis datata 12 ta' Novembru 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel Caruana li fuqha dehru Anthony Mangion, Philippa Mangion, Asuero Ellul u Catherine Mangion.[31]

Rat id-dikjarazzjoni causa mortis datata 3 ta' Dicembru tas-sena 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel Caruana li fuqha dehru Carmela Zahra, Giuseppa Grixti, Maria Parnis u Josephine Gafa.[32]

[29] a fol 234 tal-process
[30] a fol 90 tal-process
[31] a fol 143 tal-process
[32] a fol 138 tal-process

Rat id-dikjarazzjoni causa mortis datata 6 ta' Dicembru tas-sena 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel Caruana li fuqha dehru Joseph Grixti, John Ellul, Maria Victoria sive Vicky Ellul, Carmela Fava, u Mary Cachia[33].

Rat il-korrezzjoni fid-dikjarazzjoni causa mortis tas-6 ta' Dicembru 2012 ippublikata fl-Atti tan-Nutar Dottor Daniel Caruana datata 24 t'Ottubru 2013.[34]

Rat ir-rapport tal-espoert kalligarfiku Martin Bajada[35] li mill-analisi komparattiva ikkonkluda:

> *"1. Li l-karateristici ddentifikata fil-kampjun ikkontrollat tal-firem huma ghal kollox nieqsa fit-tliet firem fil-ktieb tal-kera Dok MB1*
>
> *2. Li t-tliet firem fil-ktieb tal-kera Dok MB1, huma ghal kollox differenti minn xulxin, ghalkemm simili fl-apparenza ghal xulxin u ghal firem fil-kampjun ikkontrollat tal-firem.*
>
> ***Ghal dawn ir-ragunijiet it-tliet firem fuq il-ktieb tal-kera Dok MB1 ma jirrizultawx li huma l-firma tad-defunt Giuseppi Grixti"***

Rat ir-rapport tal-Periti addizzjonali[36] fejn ikkonkludew illi:

> *"12. In vista ta' dak hawn fuq espost l-esperti kalligrafici addizzjonali kienu tal-fehma li l-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel espert kalligrafiku Dr Martin Bajada kellhom jigu kkonfermati fl-intier taghhom."*

---

[33] a fol 149 tal-process
[34] a fol 154 tal-process
[35] a fol 269 tal-process
[36] a fol 404 tal-process

Rat in-nota tal-Periti addizzjonali[37] b'risposta ghad-domandi in eskussjoni maghmula permezz tan-nota pprezentata fil-11 ta' Mejju 2021 fejn l-esperti jinnutaw li l-kaligrafija tal-awtur tista' tiddeterjora maz-zmien minhabba eta', mard, medicini jew kundizzjonijiet ohra, kif ukoll li fl-opinjoni taghhom il-'hesitations' kienu qeghdin jizdiedu konsistentement maz-zmien u lejn l-ahhar kienu aktar evidenti.

Rat illi Giuseppe Grixti kien ghamel l-ahhar testment tieghu fl-atti tan-Nutar Daniel Caruana fl-20 ta' Lulju tas-sena 2010 permezz ta' liema hatar bhala eredi universali lil (i) hutu Carmela Zahra, Giuseppa Grixti, Philippa Mangion u Catherine Muscat (li giet sostitwita minn uliedha peress li din lahqet mietet qabel ma' saret il-causa mortis) u lin-neputi tieghu Joseph Grixti fi kwota ta' sest indiviz (1/6) kull wiehed; (ii) lin-neputijiet tieghu John Ellul, Vicky Agius, Maria Parnis u Assuero Ellul fi kwota ta' parti minn erba' u ghoxrin (1/24) kull wiehed;

Rat li fil-mori tal-kawza fl-4 t'Ottubru 2019 mietet Carmela Zahra omm l-intimat u ghaldaqstant l-intimat bhala eredi ta' ommu flimkien mat-tminn hutu sar komproprjetarju flimkien mal-atturi tar-raba' li kienet writet minn huha Giuseppi Grixti.[38]

Rat illi permezz tal-kuntratt ta' bejgh u trasferiment fl-atti tan-Nutar Joe Cilia datat 27 ta' Frar 2023 l-intimat u martu akkwistaw minghand Maria Parnis sehem ta' parti minn erbgha u ghoxrin (1/24) tal-ghalqa porzjon C mill-ghalqa fil-kontrada ta' Benghajsa limiti ta' Birzebbuga maghrufa bhala 'Tal-Harrub'. [39]

---

[37] a fol 431 tal-process
[38] a fol 480 u 501 tal-process
[39] a fol 495 tal-process

Ikkunsidrat ulterjorment:

**L-ewwel eċċezzjoni: Kompetenza tal-Qorti ratione materiae**

Illi l-intimat preliminarjament eccepixxa in-nuqqas ta 'kompetenza li l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tiddeciedi l-kaz.

Illi l-ewwel proviso tal-Art 1525(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili) jipprovdi illi: *"Il-Bord li Jirregola l-Kera (hawn aktar 'il quddiem f 'dan it-titolu msejjaħ "il-Bord tal-Kera") maħtur bis-saħħa tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta 'Bini għandu kompetenza esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet konnessi ma 'kuntratti ta 'kiri ta ' fond urban u ta' dar għall-abitazzjoni u ta 'fond kummerċjali.* ***Kirjiet oħra jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati ta' gurisdizzjoni ċivili u fil-każ ta' taħt il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba maħtur bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta 'Kiri ta 'Raba****.*

***Iżda kwistjonijiet dwar il-validità ta 'kuntratt ta ' kirja,għandhom jiġu mistħarrġa mill-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, b'dan illi kull kwistjoni oħra in segwitu għad-determinazzjoni ta ' tali kwistjonijiet dwar validità għandha tkun fil-kompetenza tal-Bord tal-Kera.****"* (sottolinear aggunt)

Mill-banda l-oħra, il-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta 'Malta jirregola l-kiri mill-ġdid ta' raba' u biex jipprovdi għall-ħwejjeġ konnessi u anċillari.

Fil-kaz prezenti r-rikorrenti ma humiex qed jgharfu lill-intimat bhala kerrej anzi isostnu li hemm pussess abbuziv, bla ebda jedd. Huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna illi l-Qrati kompententi biex jiehdu decizjoni ta' kwistjonijiet li jirrigwardaw jekk persuna konvenuta ghandhiex jew le titolu biex tiddetjeni l-

fond huma l-Qrati ordinarji (ara Vol XXXVII-1-568 u 573). Jekk biss jirrizulta li verament hemm xi titolu ta' qbiela, jkun f'dan l-istadju li din il-Qorti tkun inkompetenti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni.

**<u>It-tieni eċċezzjoni: titolu validu ta 'qbiela</u>**

Illi l-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hija li r-rikorrenti jsostnu li l-intimat ma ghandu l-ebda jedd fil-ligi sabiex jiddetjeni l-ghalqa in kwistjoni filwaqt li l-intimat jsostni li huwa ghandu titolu validu ta' qbiela favur tieghu.

Illi minn analizi tal-provi fl-atti, il-Qorti tqis li x-xhieda prodotta hija konfuza ghall-ahhar u tidher suspetta meta jirrizulta illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimat isostnu li hadmu l-ghalqa fl-istess perjodi. Illi certament jirrizulta mill-atti huwa li kienu hafna il-membri tal-familja li xtaqu li b'xi mod din l-ghalqa tigi f'idejhom u li kien hemm inkwiet fuq din l-art. Pertinenti hawnhekk issir referenza ghax-xhieda ta' Carmen Fava li minkejja li hi ukoll kienet talbet lil zijuwha bicca ghalqa talli zewgha kien idur bih, tghid li zijuwha dejjem irrifjuta ghaliex kien jistma' lil kulhadd l-istess. Ta' l-istess kelma huma ukoll Victoria Agius u Mary Cachia.

Illi madanakollu mill-atti jirrizulta bic-car illi wara l-mewt ta' Giuseppe Grixti l-intimat kellu pussess tal-ghalqa. Jekk dan kienx qed jezercitah peremezz ta' titolu fil-ligi hija kwistjoni ohra. Wisq anqas ma hija ta' ghajnuna lill-intimat l-fatt li iktar tard ottjena sehem mill-porzjon tal-art in kwistjoni. Bl-ebda mod ma l-fatt li sar propjetarju ta' dan is-sehem ihallih jokkupa wahdu f'dak il-kaz din l-art minghajr titolu ta' qbiela, validu fil-ligi.

Illi ma hemm xejn hlief il-kelma tal-konvenut illi Giuseppi Grixti effettivament iffirma l-ktieb tal-qbiela. Sabiex issir il-prova ta` titolu ta` qbiela mhux bizzejjed li wiehed jixhed li ghal numru ta' snin kien qabad jahdem ir-raba' u kwindi kellu titolu fuq ir-raba. Kien jispetta lilu li jgib l-prova tal-hlas.[40]

Mill-provi fl-atti l-Qorti rat li l-intimat ressaq bhala prova l-ktieb tal-kera li skont hu kien jiffirmalu d-defunt Giuseppi Grixti. Din il-Qorti rat li fl-atti odjerni saru allegazzjonijiet li l-firem ta' Giuseppi Grixti setghu ma kienux genwini. Illi ta' rilevanza dwar il-genwinita' tal-firma ta' Giuseppi Grixti huma d-dokumenti li gew prodotti mill-partijiet u li permezz taghhom setghet titqabbel il-firma ta' Giuseppi Grixti ma' dawk fil-ktieb tal-kera. L-espert kalligrafu Martin Bajada fir-rapport tieghu jiddeskrivi l-karatteristici tal-firma ta' Giuseppi Grixti kif jirrizultaw mid-dokumenti esibiti u jipparaguna tali karatteristici ma' dawk li jidhru fid-dokumenti esebiti ) u jikkonkludi li:

> *"1. Li l-karateristici ddentifikata fil-kampjun ikkontrollat tal-firem huma ghal kollox nieqsa fit-tliet firem fil-ktieb tal-kera Dok MB1*
>
> *2. Li t-tliet firem fil-ktieb tal-kera Dok MB1, huma ghal kollox differenti minn xulxin, ghalkemm simili fl-apparenza ghal xulxin u ghal firem fil-kampjun ikkontrollat tal-firem.*
>
> ***Ghal dawn ir-ragunijiet it-tliet firem fuq il-ktieb tal-kera Dok MB1 ma jirrizultawx li huma l-firma tad-defunt Giuseppi Grixti"***[41]

---

[40] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) Francesco u Esther konjugi Cilia vs Emanuele Borg u Saviour Borg, deciza 26 ta 'April, 2002.
[41] a fol 269 tal-process

L-istess opinjoni hija kondiviza mill-Periti addizzjonali li kkonkludew illi:

*"12. In vista ta' dak hawn fuq espost l-esperti kalligrafici addizzjonali kienu tal-fehma li l-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel espert kalligrafiku Dr Martin Bajada kellhom jigu kkonfermati fl-intier taghhom."*[42].

Illi minkejja li l-intimat jghid illi sahhet Giuseppi Grixti kienet iddeterjorat ma jipprovdi l-ebda prova sabiex jissustanzja dan. Huwa minnu li ragel ta' dik il-eta' certament ma jarmix is-sahha u l-Qorti tifhem ukoll li l-kaligrafija tal-awtur tista' tiddeterjora maz-zmien minhabba raguni varji izda dan jirrizulta li l-esperti kaligrafici haduh in konsiderazzjoni fir-rapporti taghhom. Il-Qorti rat li l-esperti stess insistew li jezistu bizzejjed elementi fil-forma u fil-punti karetteristici tal-firem li jwasslu ghall-konvinciment illi l-ktieb tal-kera prezentat mill-intimat ma kienx qed jigi ffirmat mid-defunt Giuseppi Grixti. F'dan ir-rigward din il-Qorti ezaminat ix-xiehda moghtija u d-dokumenti esibiti u hi tal-fehma li l-esperti kalligrafici ghamlu analizi korretta ta' dawk il-provi u taqbel ma ' dak sottomess minnhom fil-konkluzjonijiet xjentifici cari u inekwivoci taghhom.

Illi kjarament ghalhekk la darba jirrizulta li l-ktieb tal-kera li fuqu jsostni t-titolu tieghu l-intimat ma jirrizultax li huwa genwin, fl-atti ma tibqa l-ebda prova ohra dwar l-allegat titolu ta' qbiela favur l-intimat ghajr se mai ix-xhieda ta' huh dwar x'suppost qallu zijuh, kliem li huwa kontradett ferm mix-xhieda tal-qraba l-ohra w'ghalhekk dan ifisser li l-intimat qieghed jiddetjeni l-ghalqa minghajr ebda titolu. In oltre l-fatt li wara certu zmien l-intimat

[42] a fol 431 tal-process

iddecieda li jiddepozita ammont ta' flus bhala qbiela dan ma jfissirx li allura akkwista xi titolu fuq ir-raba'.

Illi dwar l-eccezzjoni ulterjuri tar-rikorrent fejn isostni li wara li giet intavolata l-kawza odjerna l-intimat akkwista wkoll sehem fl-art dan ma jfissirx li huwa kien qed jokkupa l-art b'titolu validu fil-ligi fil-mument li l-kawza odjerna kienet giet intavolata. Li jfisser dan huwa li llum il-gurnata *se mai* is-sidien kollha ko-proprjetarji ghandhom il-jedd li jaghmlu uzu mill-proprjeta' minghajr ma jtellfu lill-ko-proprjetarji l-ohra kollha mill-uzu tal-istess proprjeta' Il-fatt li l-intimat qed jiddetjeni l-ghalqa esklussivament ghalih ifisser li mhux qed ihalli l-ko-proprjetarji l-ohra kollha milli jaghmlu huma wkoll uzu liberu tal-istess proprjeta'. Ghal din ir-raguni ghaldaqstant din il-Qorti xorta wahda ser tghaddi sabiex tordna l-izgumbrament tal-intimat, stante li l-okkupazzjoni tieghu hija wahda assoluta, b'dana li bl-ebda mod dan ma jfisser li tipreludi lill-intimat milli jaghmel uzu mill-proprjeta' fil-limiti tal-ko-proprjeta' tieghu minghajr bl-ebda mod ma ghandu jtellef l-ezercizzju tal-pussess liberu tal-ko-propjetarji l-ohra kollha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat fl-ewwel risposta tieghu;

2. Tilqa' limitatament it-tieni risposta tal-intimat fis-sens suespost f'din id-decizjoni stante li l-intimat jibqalu l-jedd li ttih il-ligi li jgawdi l-proprjeta' in kwistjoni fil-vesti ta' ko-proprjetarju

minghajr izda ma jilledi, jintralca jew iwaqqaf bl-ebda mod il-pussess ukoll liberu tal-ko-proprjetarji l-ohra;

3. Tiddikjara l-ewwel talba tar-rikorrenti sorvolata;

4. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-intimat m'ghandu ebda titolu validu fil-Ligi sabiex jokkupa b'mod assolut l-porzjon immarkata bl-ittra "C" formanti parti mill-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Harrub" illi tinsab gewwa Benghajsa, limiti ta' Birzebbugia hlief fil-vesti u fil-limiti ta' ko-proprjetarju; u

5. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex fi zmien xahrejn mid-data li din id-decizjoni ssir gudikat jitlaq u jizgombra mill-pussess assolut tal-istess art imsemmija minghajr pregudizzju ghal-jedd tieghu li jaghmel uzu minnha skond il-ligi fil-limiti tal-ko-proprjeta'.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat u bir-riserva kif mitluba favur ir-rikorrenti dejjem jekk ghandhom jedd fil-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Novembru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**28 ta’ Novembru, 2024**